**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 179/2012**

**Illum: 29 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Lawrence Fabri**
**(ID 506780(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Lawrence Fabri ta' 31 sena, iben Carmel u Mary Rose nee` Azzopardi, imwieled Pieta`, nhar it-2 ta' Novembru 1980, residenti 56, Flat 7, Triq San Guzepp, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 506780(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-12 ta' Novembru 2011, kif ukoll fl-ahhar tmien xhur qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u risretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll illi minkejja li d-difiza nghatat zmien biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha, dan baqghet m'ghamlitux u rat ukoll id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju 2015, li permezz tieghu ddikjarat li kienet ser tghaddi ghas-sentenza anke fin-nuqqas tal-prezentata ta' tali nota.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-12 ta' Novembru 2011, ghall-habta tad-9.30 p.m., ufficjali tal-pulizija ezegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern u dan gewwa l-hanut, dak iz-

zmien immexxi minnu, *Code 09 Bar*, fi Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk. Waqt it-tfittxija fl-istess hanut, fejn kien hemm l-imputat odjern u fejn kien qieghed isir *birthday party*, instab mizien elettroniku gewwa l-kcina u sussegwentement mill-vettura tal-imputat ossia minn gewwa l-*arm rest* tal-istess vettura, gew elevati hames boroz tal-plastik b'sustanza bajda, fil-waqt illi mir-residenza tieghu gewwa l-Isla, mill-kamra tal-imputat, giet elevata borza ohra b'sustanza bajda, kif ukoll erba' pilloli.[1] L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri, fejn nhar l-14 ta' Novembru 2011, huwa rrilaxxja stqarrija u dawn wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jiehu parir legali, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx. L-imputat ghazel ukoll li jiffirma l-istess stqarrija.[2]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[3], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu:

1. Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 12-11-11, Hin 23.15 Hrs, Elevat/i minn PC 323, PC 923 fil-prezenza ta' Lawrance Fabri 506780(M) minn gol-kcina tal-Code 09 Bar". F'din il-borza kien hemm:

a) Mizien elettroniku ta' lewn abjad li kien jahdem u kien jizen sa massimu ta' 2kg;

b) *Evelope* tal-Gvern ta' Malta li kien miftuh u li go fih kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 12-11-11, Hin 23.30 Hrs, Elevat/i minn PC 323, PC 923 fil-presenza ta' Lawrance Fabri 506780 minn His bedroom, "Drawer of Desk", bott zghir ta' lewn abjad b'tikketta bil-kliem, fost ohrajn ta' "T3 Cytomel" li fih kien hemm erba' pilloli ta' lewn roza u borza zghira tal-plastik li fiha kien hemm blokka ta' sustanza bajda;

c) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li kien miftuh u li go fih kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 12-11-11, Hin 23.00 Hrs, Elevat/i minn PC 635, PC 323, fil-presenza ta' Lawrance Fabri 506780M, minn Compartment "Arm Rest" u borza zghira tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm hames boroz zghar b'sustanza bajda fihom.

[1] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' PS 635 Alan Calleja (a fol. 23 *et seq* tal-process), PC 923 Pierre Guido Saliba (a fol. 28 *et seq* tal-process), PC323 Cedric Buhagiar (a fol. 32 *et seq* tal-process), PC 1500 Alfred Cutajar (a fol. 37 *et seq* tal-process) u PS 746 Jeffrey Attard (a fol. 40 *et seq* tal-process).
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 19 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 47 tal-process.

Mill-konkluzjonijiet tal-istess espert jirrizulta illi:

a) Fis-sustanzi ta’ lewn abjad li kien hemm fis-sitt boroz zghar tal-plastik, f’ammont nett totali ta’ 6.56 grammi, instabet is-sustanza kokaina, b’purita` medja ta’ cirka 32.7%;

b) Fl-erba’ pilloli ta’ lewn roza nstabu s-sustanzi *3.4-methylenedioxyamphetamine (MDMA)* ossia *central stimulant.*

Skond l-istess relazzjoni, il-mizien elettroniku ta rizultati negattivi ghall-presenza ta’ sustanzi lleciti u in oltre il-pizijiet tal-boroz bil-kokaina kienu s-segwenti rispettivament: 2.73 grammi, 0.43 grammi, 1.90 grammi, 0.49 grammi, 0.52 grammi u 0.49 grammi.

Skond ix-xhieda tal-istess espert, il-kokaina in kwistjoni kienet *crack cocaine.*[4]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jinghad illi mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi t-*tag* esebita flimkien mal-erba’ pilloli *ecstasy* u l-borza tal-plastik bil-kokaina elevata mir-residenza tal-imputat tindika li dawn gew elevati minn PC 323 u PC 923, meta fil-fatt mix-xhieda taghhom jirrizulta wkoll illi dawn iz-zewg ufficjali ma kellhomx x’jaqsmu mat-tfittxija li saret gewwa r-residenza tal-imputat ghajr illi PC 323 qaghad ghassa mal-vetturi barra l-istess residenza sakemm is-Surgent (PS 635 Alan Calleja) ghamel it-tfittxija u illi PC 923 qaghad isfel ukoll u sussegwentement gie mgharraf mis-Surgent li t-tfittxija rrizultat fil-pozittiv ghalkemm ma kienx jaf x’instab ezattament.  Biss mix-xhieda ta’ PS 635 Alan Calleja jirrizulta illi kien huwa stess li eleva dawn is-sustanzi mir-residenza tal-imputat u dan wara li tahomlu l-istess imputat volontarjament.  Fil-fatt meta gie muri d-Dokument JJB2 (esebit mill-Ispettur Jesmond J. Borg fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2012 bhala s-sustanza elevata mill-pussess tal-imputat) PS 635 gharaf *inter alia* il-bott bil-pilloli li l-imputat tah minn gewwa l-kamra tieghu fir-residenza gewwa l-Isla u l-borza b’sustanza bajda li tah l-istess imputat mill-istess post fejn dawn is-sustanzi kienu qeghdin flimkien.[5]  Ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex dubju illi dawn is-sustanzi fil-fatt gew elevati fil-jum in kwistjoni mill-pussess tal-imputat odjern.

[4] A fol. 45 tal-process.

[5] Ara a fol. 25 tal-process.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina. Jirrizulta kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-14 ta' Novembru 2011, kif ukoll mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi l-istess imputat m'huwiex jikkontesta l-pussess tal-kokaina, izda jsostni illi din kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Dak li qed jikkontesta l-imputat, ghalhekk, huwa l-pussess bl-aggravanti.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe`*

*il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-14 ta' Novembru 2011 u in oltre huwa ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn jinnega illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet intiza ghall-ispacc lil terzi u jsostni li din kienet biss ghall-uzu personali tieghu.

L-ewwel diskrepanza li tinnota l-Qorti bejn il-verzjoni tal-imputat fix-xhieda tieghu u dik moghtija minnu fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll dak li jirrizulta mill-atti, tirrigwarda dak li jghid l-imputat fix-xhieda tieghu fis-sens illi ma kienx minnu illi hekk kif dahlu l-pulizija fil-hanut tieghu, huwa kien bela' d-droga, izda li f'halqu kellu biss *chewing gum*, liema *chewing gum*, skond hu, huwa wrieha wkoll lill-pulizija.

Dwar dan, fix-xhieda tieghu PS 1227 Malcolm Pace[6] jghid illi x'hin waslu fuq il-post bil-vetturi tal-pulizija, zghazugh li kien qieghed barra, dahal jigri gewwa l-hanut, jghajjat lill-imputat odjern biex jinfurmah bil-presenza tal-pulizija. Dan jikkonfermah l-imputat ukoll li jghid li dahal habib tieghu fil-hanut, ghalkemm huwa jghid illi dan beda jghidlu biex ibaxxi s-*sound*, f'liema hin huwa ra l-pulizija dehlin fil-hanut.[7] PS 1227 jghid ukoll illi flimkien ma' PC 550, huwa dahal fil-hanut immedjatament u li l-imputat inhasad x'hin rahom. Jghid illi huwa kien l-ewwel wiehed li dahal fil-hanut u "*X'hin ra lili inhasad, hareg xi haga minn gol-but u tefaghha f'halqu. Jiena pruvajt ingeghlu biex jobzoqha pero ma rnexxielix.*"[8] Dan jikkonfermah ukoll PC 550 George Zammit[9], li jghid illi hekk kif waslu quddiem il-hanut, xi hadd li kien qieghed barra dahal jigri u avza li kien hemm il-

---

[6] Ara x-xhieda tieghu a fol. 74 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 97 tal-process.
[8] A fol. 75 tal-process.
[9] Ara x-xhieda tieghu a fol. 86 *et seq* tal-process.

pulizija u li huwa u PS 1227 kienu l-ewwel zewg pulizija li dahlu jigru fil-hanut, fejn raw ragel li kien wara l-*bar* li dahal jigri fil-kamra ta' wara ossia l-kcina, li kellu xi haga f'idejh u tefaghha f'halqu. Jghid illi ghalkemm PS 1227 prova johroghielu minn halqu, ma setax. F'dan ir-rigward, xehed ukoll PS 635 Alan Calleja li jghid illi kif dahal fil-hanut, huwa nnota lill-imputat jidhol jigri fil-kcina u pogga jdejh quddiem halqu. Jghid ukoll illi waqqfuh u li pprova johrog dak li kien ghadu kif tefa' f'halqu, izda ma rnexxilux. L-istess xhud ikompli jghid illi wara li huwa ta lill-imputat is-solita twissija u li kellu d-dritt li jiehu l-parir tal-avukat, l-istess imputat qallu li huwa tefa' pakkett go halqu ghaliex kien qed jibza' mill-pulizija, apparti li qallu wkoll li fil-vettura tieghu, kellu xi pakketti ohrajn.[10] Anke PC 923 Pier Guido Saliba jghid illi huwa ra lill-imputat jigri lejn il-kcina u rah ukoll jitfa' xi haga f'halqu li ma nstabitx x'hin waslu hdejh.[11] Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, imbaghad, l-imputat jikkonferma li l-pakkett li kien bela' kien jifforma parti mill-hames grammi kokaina li jghid li kien xtara t-Tlieta ta' qabel u jghid ukoll illi "*l-bicca li blajt kienet bicca vera zghira*"[12] u dan b'referenza ghall-kokaina.

Mill-banda l-ohra, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi huwa kien qieghed fil-kcina ghax kellu problema bl-*air conditioner*, dahal habib tieghu hekk kif huwa kien wasal f'nofs il-kcina li qallu biex ibaxxi s-*sound* u ra zewg pulizja bl-uniformi u iehor pajzan. Jghid illi pulizija minnhom beda jghajjat li kellu xi haga f'halqu u iehor qabdu minn ghonqu u beda jistaqsih x'kellu f'halqu. Jghid illi huwa ma setax jiehu nifs u beda jimbotta lill-pulizija, fil-waqt li qallu li jekk ihallih, kien ser jaghtih dak li kellu f'halqu dak il-hin u li fil-fatt, x'hin rehieh huwa ta *chewing gum* lill-pulizija, fil-waqt li baqa' jsostni li ma kien bela' xejn. Jghid illi huwa kien ammetta anke fl-istqarrija li kien bela' xi haga ossia droga ghaliex huwa kien jaf li kellu d-droga fid-dar, li ghalhekk beza' u ried lill-pulizija jemmnu li kien bela' d-droga kollha li kellu. Jghid illi fil-verita` huwa ma kien bela' xejn.[13]

F'dan ir-rigward, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi effettivament dak li bela' l-imputat kien pakkett bil-kokaina kif ammetta originarjament kemm ma' PS 635, kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Fl-ewwel lok, kif inghad numru ta' pulizija jghidu li raw lill-imputat jitfa' xi haga f'halqu hekk kif rahom dehlin fil-hanut u PS 1227 jghid specifikatament li l-imputat deher mahsud x'hin ra lill-pulizija u wkoll li rah johrog xi haga mill-but u jitfaghha f'halqu. Dak li jghid l-imputat ossia li

[10] A fol. 23 u 24 tal-process.
[11] A fol. 28 u 29 tal-process.
[12] A fol. 20 tal-process.
[13] A fol. 97 u 98 tal-process.

f'halqu kellu *chewing gum* ma jregix ghal diversi ragunijiet, fosthom illi apparti li l-pulizija rawh dak il-hin stess jitfa' xi haga f'halqu, rawh ukoll fl-istess waqt jigri lejn il-kcina minn wara l-*bar* – mossa din li tindika li l-imputat kien qed jipprova jevita l-pulizija dak il-hin u li kellu x'jahbi. Ma jaghmilx sens li l-imputat jara lill-pulizija, jitlaq jigri lejn il-kcina u fl-istess hin, waqt dan kollu, jitfa' *chewing gum* f'halqu! Dan apparti li hadd mid-diversi ufficjali tal-pulizija li xehdu ma jikkorrobora dak li qal l-imputat li huwa ta c-*chewing gum* li kellu f'halqu lill-pulizija u lanqas ma saru xi domandi in kontro-ezami lill-istess ufficjali tal-pulizija li b'xi mod issuggerew dan jew li kienu intizi sabiex jistabilixxu dan il-fatt. In oltre, l-iskuza li jgib l-imputat fis-sens illi fil-hanut huwa qal li kien bela' d-droga biex bhal jizvija lill-pulizija minn tfittxijiet ulterjuri ghaliex kien jaf li band'ohra kellu d-droga u li ghalhekk riedhom jemmnu li kien bela' d-droga kollha li kellu, lanqas ma tregi meta wiehed iqis illi wara li saru t-tfittxijiet kemm fil-vettura kif ukoll fir-residenza tieghu u wara li effettivament kienet instabet id-droga f'dawn iz-zewg postijiet, huwa rega' kkonferma fl-istqarrija rilaxxjata minnu illi huwa kien bela' l-kokaina. Jekk fl-ewwel stadju qabel it-tfittxijiet, ried jizvija lill-pulizija kif inghad, fl-istadju tal-istqarrija ma kellu l-ebda raguni ghaliex jaghmel dan ghaliex id-droga kienet diga` nstabet. Minkejja dan, madankollu, ghat-tieni darba, fl-istqarrija tieghu, huwa rega' kkonferma li kien bela' l-kokaina meta dahlu fuqu l-pulizija.

Dan ifisser ghalhekk illi apparti s-sustanza bil-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu fil-piz ta' 6.56 grammi, l-imputat kellu izjed kokaina, liema kokaina fl-istqarrija tieghu huwa jiddeskriviha bhala bicca vera zghira.

Il-Qorti tinnota wkoll diskrepanza fil-pizijiet tas-sustanzi li nstabu fil-pussess tal-imputat u l-pizijiet li jsemmi l-istess imputat fl-istqarrija u d-deposizzjoni tieghu. Kif inghad, fil-pussess tieghu nstabet sustanza bil-kokaina fil-piz ta' 6.56 grammi u cioe` hames boroz tal-plastik bil-piz rispettiv ta' 0.43 grammi, 1.90 grammi, 0.49 grammi, 0.52 grammi u 0.49 grammi li kienu qeghdin fil-vettura tieghu u borza ohra tal-plastik bil-piz ta' 2.73 grammi, li nstabet fir-residenza tieghu. Dan ifisser illi l-piz tas-sustanza li nstabet fil-vettura kien jammonta ghal 3.83 grammi u tenut kont ukoll illi l-imputat lahaq bela' pakkett bil-kokaina gewwa l-hanut tieghu, huwa kellu b'kollox piz vicin is-seba' grammi. Biss kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu, l-imputat jghid illi huwa xtara hames grammi kokaina bil-prezz ta' €50 il-gramma u li ghalhekk huwa kien akkwista d-droga fil-pussess tieghu bil-prezz ta' €250. Skond l-istqarrija tieghu, dawn il-hames grammi kienu jinkludu wkoll il-pakkett li bela' fil-hanut u li hlief ghal dan il-pakkett, huwa kien ghadu ma kkonsma xejn mid-droga li kien xtara f'daqqa nhar it-Tlieta ta' qabel ossia fit-8 ta' Novembru 2011 u li ghalhekk id-droga li nstabet,

inkluz dik li lahaq bela’, kienet proprju d-droga kollha li kien xtara f’daqqa f’dik l-okkazzjoni. Fid-deposizzjoni tieghu, l-imputat isostni illi fil-vettura kellu tliet grammi kokaina, fil-waqt illi fir-residenza kellu zewg grammi u li minflok xtrahom bil-prezz ta’ €70 il-gramma, kien hadhom bil-prezz ta’ €50 il-gramma u kien ghalhekk li xtara dan l-ammont kollu u specifikatament iz-zewg grammi li kellu fir-residenza tieghu, biex inaqqas il-prezz.

Madankollu, kif diga` nghad, li kieku dak li jghid l-imputat kien minnu, fil-pussess tieghu ma kinux jinstabu 6.56 grammi, izda inqas minn hames grammi, tenut kont li kien bela’ pakkett bil-kokaina fil-hanut. Fil-verita` fid-dar tieghu, huwa ma kellux zewg grammi, kif jghid fid-deposizzjoni tieghu, izda kwazi tliet grammi u fil-vettura ma kellux tliet grammi, izda 3.83 grammi, apparti l-pakkett li bela’, li jfisser li l-imputat fuqu kellu cirka erba’ grammi jew izjed. Ghalhekk l-ispjegazzjoni tal-imputat dwar kif huwa wasal biex jakkwista hames grammi – skond hu biex inaqqas il-prezz – ma tregix. Meta wiehed iqis li skond l-imputat, huwa diga` kien franka €100 fuq hames grammi, x’sens kien jaghmel li l-fornitur tieghu terga’ u tghid jaghtih xi zewg grammi ohra b’xejn! Dan apparti li huwa tassew improbabbli u inattendibbli li fornitur ta’ droga jiehu zball u jforni ammont ikbar minn dak li jkun innegozja dwaru. Ghalkemm hawn qed nitkellmu fuq ammonti tassew zghar ta’ grammi u mhux kilojiet, biss id-droga anke f’ammonti tassew zghar tiswa l-flus u fid-dinja tad-droga semmai l-probabilita` hi li wiehed jinghata inqas u mhux izjed droga minn dik li jkun hallas ghaliha.

Tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet li saru izjed ‘il fuq, il-Qorti diga` tqis ix-xhieda tal-imputat bhala wahda mhux attendibbli u anke nieqsa mis-sewwa.

Il-Qorti nnutat ukoll inkonsistenzi ohrajn fix-xhieda tal-imputat jew partijiet fix-xhieda tieghu li l-Qorti tqishom bhala inattendibbli. Ghalkemm l-imputat jghid illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga xi disa’ snin, jghid ukoll illi din kienet l-ewwel darba li xtara dan l-ammont kollu ta’ droga – anke hawn l-imputat irid li l-Qorti temmen li kumbinazzjoni matul id-disa’ snin li kien jabbuza mid-droga kien proprju dakinhar li saritlu tfittxija li nqabad b’ammont ta’ droga daqstant kbir – ammont li certament il-Qorti ma tqisux bhala wiehed li normalment jigi assocjat ma’ uzu personali. Jghid ukoll illi huwa ma kienx izomm hafna droga fuqu, meta fil-fatt fil-vettura tieghu nstabu 3.83 grammi u tenut kont li kien bela’ pakkett bil-kokaina, jfisser li kellu tal-inqas erba’ grammi fil-pussess tieghu – ammont dan li lanqas ma jista’ jigi meqjus bhala xi ammont zghir. Jghid illi kien jibza’ li jinqabad kemm mit-tfajla tieghu, kif ukoll mill-genituri, meta mbaghad gewwa r-residenza fejn kien jghix mal-genituri, kellu kwazi tliet grammi kokaina, apparti xi pilloli *ecstasy*. Jghid ukoll illi huwa kien jahbi d-droga fil-vettura, biex jiggustifika

l-ammont li kellu fuqu, izda kif inghad, instabet ukoll id-droga fir-residenza tieghu. Mill-banda l-ohra fl-istqarrija tieghu, jghid illi huwa ha l-bicciet iz-zghar biss mieghu fil-vettura, ghaliex wara kien hiereg. Jghid ukoll illi kien kapaci jiehu tliet grammi f'lejl, ghalkemm in kontro-ezami, mbaghad jghid illi huwa kien jiehu bejn tlieta u erba' grammi f'*weekend* shih u mhux f'lejl. Madankollu, ghalkemm dawn m'humiex ammonti zghar u certament illi ammont ta' tliet grammi f'lejl m'huwiex ammont li wiehed jassocjah ma' *recreational use*, izda ammonti kkunsmati minn *heavy users*, fl-istess waqt l-imputat jghid ukoll fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien xtara d-droga t-Tlieta ta' qabel u li sa dakinhar li gie arrestat li kien il-jum tas-Sibt, huwa ma kien ikkonsma xejn mid-droga li kien xtara. Dan ifisser illi l-imputat ma kellux xi vizzju qawwi tad-droga ghaliex min ikollu vizzju qawwi ma jzommx id-droga ghal erbat ijiem shah minghajr ma jikkonsma xejn minnha. Ghalhekk semmai l-imputat kien *recreational user* u mhux *heavy user* li ma jiggustifikax la dak li jghid fid-deposizzjoni tieghu li huwa kien kapaci jikkonsma anke tliet grammi f'lejl u lanqas kif kellu dak l-ammont ta' droga – cirka erba' grammi fil-vettura, apparti kwazi tliet grammi d-dar – fil-pussess tieghu. Dan apparti li jekk l-imputat kien jikkonsma bejn tlieta u erba' grammi f'*weekend* shih, kif jghid fil-kontro-ezami tieghu, il-Qorti ma tarax ghalfejn l-imputat kellu proprju ammont ta' cirka erba' grammi fil-pussess tieghu, ghal-lejl wiehed – ammont ghalhekk li kien izjed minn dak li kien jikkonsma f'lejl - meta terga' u tghid dan kien il-lejl tas-Sibt u mhux tal-Gimgha, meta allura wiehed seta' jghid illi l-*weekend* kien ghadu ser jibda. Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax illi in ri-ezami l-imputat jghid illi ma kienx jikkonsma droga fil-hanut tieghu, meta fil-fatt kellu pakkett kokaina fuq il-persuna tieghu gewwa l-hanut, liema pakkett fl-istqarrija tieghu huwa kkonferma li kien parti mid-droga li kien xtara t-Tlieta ta' qabel. Dan in oltre jikkontrasta wkoll ma' dak li jghid l-imputat illi d-droga li kellu fil-pussess tieghu fil-vettura kienet intiza biss biex huwa jkun jista' jikkonsma minnha wara li jaghlaq il-hanut u jmur band'ohra.

F'dawn ic-cirkostanzi u tenut kont dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx illi l-imputat wera imqar sal-grad tal-probabbli illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Ghall-kuntrarju, tenut kont tal-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat, tenut kont ukoll tal-ammont li nstab fil-vettura tieghu u l-kunsiderazzjonijiet li saru izjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi l-pussess aggravat tad-droga kokaina gie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess semplici tal-pilloli *ecstasy*. Jirrizulta car mill-provi prodotti, illi fil-jum in kwistjoni, fir-residenza tieghu, l-imputat kellu erba' pilloli *ecstasy*, li skond l-istqarrija rilaxxjata minnu, kienu ilhom ghandu xi sitt xhur. Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud, illi dawn kienu effettivament pilloli *ecstasy*. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment, l-imputat gie addebitat ukoll bl-<u>aggravju tad-distanza</u>. Jirrizulta illi apparti dik id-droga kokaina li kienet fuq il-persuna tieghu, l-imputat kellu ammont ta' droga fil-vettura, liema vettura, skond ix-xhieda tal-imputat kienet tinsab ma' genb il-hanut tieghu stess, quddiem garaxx. Apparti ghalhekk li jirrizulta car illi l-vettura kienet gewwa distanza ta' mitt metru mill-istess hanut, huwa daqstant iehor car illi l-imsemmi lok huwa post li fih normalment jiltaqghu z-zghazagh, ghalkemm mhux necessarjament zghazagh biss. Fil-fatt fil-jum in kwistjoni, kien qed isir *birthday party* gewwa l-istess hanut, li fih skond l-istess imputat, kien hemm numru ta' tfajliet u in oltre fix-xhieda taghha Lisa Agius, tfajla ta' hmistax-il sena li wkoll kienet prezenti fil-hanut fil-jum in kwistjoni, xehdet illi hija kienet tmur fil-hanut xi darbtejn fix-xahar biex tiltaqa' ma' shabha. Jirrizulta ghalhekk ippruvat illi l-hanut kien wiehed normalment frekwentat miz-zghazagh u ghaldaqstant, dan l-aggravju jirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali ma kinitx xi wahda allarmanti.

Qieset ukoll l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, kif ukoll il-purita` taghha li, skond ix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, kienet *average street purity* u in oltre illi m'hemm l-ebda prova fl-atti dwar pussess aggravat tad-droga kokaina, ghajr fir-rigward tal-jum in kwistjoni.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat waqt l-investigazzjoni tal-pulizija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia s-somma ta' hames mija, hamsa u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€545.92), rapprezentanti spejjez konnessi mar-relazzjoni esebita mill-Ispizjar Mario Mifsud, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JJB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat